# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**vs**

**Omar Muhamed**
**Zuer Bushwata**
**Isham Miloud**
**Abdulhal El Hamri**
**Amhammed Alarbi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Omar Muhamed** ta' 39 sena, iben Mohammed u Fatima, imwieled il-Marokk, nhar il-25 ta' Lulju, 1981 u residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20A-072.

**Zuer Bushwata** ta' 30 sena, iben Mustafa u Samira, imwieled il-Marokk, nhar it-2 ta' Marzu, 1990 u residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20A-098.

**Isham Miloud** ta' 40 sena, iben Miloud u Halima, imwieled il-Marokk, nhar il-5 ta' Settembru, 1979 u residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20A-083.

**Abdulhal El Hamri**, ta' 23 sena, iben Mustafa u Fuzija, imwieled il-Marokk, nhar l-1 ta' Jannar, 1997 u residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20A-092.

**Amhammed Alarbi** ta' 32 sena, iben Alarbi u Aisha, imwieled il-Marokk, nhar 1 ta' Jannar, 1988 u residenti gewwa c-centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi u detentur tan-numru tal-pulizija 20A-091.

Akkuzati talli nhar il-25 ta' Lulju, 2020 ghal habta ta' bejn is-saghtejn ta' filghodu (02:00hrs) u t-tlieta ta' filghodu (03:00hrs) gewwa l-gzejjer Maltin ikkommettew harba semplici waqt li kienu fil-kustodja ta' persuni inkarigati mill-kustodja taghhom.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjoni mmigjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u min-naha l-ohra l-eventwali koperazzjoni mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta' kull wiehed mill-imputati

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 151 u 160 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom **sitt xhur prigunerija**.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**